MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Numru 768/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**
**VS**
**TATI DABO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tati Dabo, nazzjonalita’ Mali, imwieled f’Fangara, Mali fl-4 ta’ Lulju 1983, iben Dabo u Sokona, numru moghti mill-Pulizija 08UU-019.

Illi huwa akkuzat talli fid-29 ta’ Lulju 2010 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu Dokument ta’ l-Ivjaggar u Permess tar-Residenza, mahruga minn awtorita’ kompetenti, f’isem Kasim Mohammed, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dan id-dokument li gie ittrasferit lilu minn persuna ohra (Artikolu 3 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi huwa akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioe dak diga imsemmi (Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi huwa akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni (Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Tati Dabo**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 3 u 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkudanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija fost konsiderazzjonijiet ohra fosthom il-fatt illi l-imputat ghandu jitqies bhala *a first offender* u bhala tali ghandu jibbenefika, bhal kull persuna ohra illi jidher quddiem il-Qrati Maltin, minn piena alternattiva, ghajr dik ta’ prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------